**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 258/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Raoul Vassallo**

**Illum 5 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Raoul Vassallo ta' 19-il sena bin Raymond u Patricia Grace nee' Bugeja imwieled Arad Rumanija fit-13 ta' Settembru, 1997 u joqghod 75 Rujan Triq San Gwann l-Ghammied Rabat u detentur tal-karta tal-identita' b'numru 603697M.

Akkuzat talli:

1. Fis-6 ta' April, 2017 ghal habta ta' 4:00 p.m. u hinijiet wara mill-fond 52 Palazzo Spadafora li jinsab fit-Triq il-Kbira Hal-Tarxien, u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' cekk BOV numru 119 akkont numru 22:0241:10208007015 u/jew oggetti ohra liema serq aggravat bil-persuna ghad-dannu ta' Dr. Charles Vella Zarb u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

2. Akkuzat ukoll talli fis-6 ta' April, 2017, u zminijiet wara f'dawn il-gzejjer iffalsifikat cedula, polza ordni jew dokumenti ohra u cioe' iffalsifikat cekk BOV

numru 119 akkont numru 22:0241:10208007015 u/jew oggetti ohra liema serq aggravat bil-persuna ghad-dannu ta' Dr. Charles Vella Zarb u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra illi meta jigi pprezentat wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew tigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew, fi skrittura kummercjali jew ta' bak privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe' f'cekk BOV numru 119 akkont numru 22:0241:10208007015 u/jew oggetti ta' Dr. Charles Vella Zarb minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra billi holoq pattijiet disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw.

4. Ukoll talli fis-7 ta' April, 2017 ghal habta ta' 11:30 a.m. u/jew hinijiet wara gewwa l-Branka tal-Bank of Valletta fit-Triq il-Kostituzzjoni Mosta u/jew f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt cioe' b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifika foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ittenta jaghmel qliegh ta' €10,000 ghad-detriment ta' Dr. Charles Vella Zarb u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

5. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess cekk falsifikat.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 5 t'Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 13 ta' Gunju, 2017 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(d), 41(a), 167, 169, 183, 184, 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjdou ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**